Minuti tal-Laqgħa Nru. 24 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar il-Ħamis, 30 ta' Ġunju 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku/Chairman | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona<br>Is-Sra. Graziella Schembri |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Preparazzjoni għall festa
5. Konferenza Stampa
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Kien hemm talba biex issir korezzjoni fuq l-item tal-Contracts Manager billi kien hemm dettalji irrelevanti. Is-Segretarju qara kif se jkun il-wording fejn il-Kunsilliera preżenti qablu.

1.2 Il-Kunsillier Cardona semma li fuq punt 3.28 jitwaħħlu stickers fuq il-boroż li jkunu inħarġu mhux fil-ġurnata li suppost inħarġu.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Chetcuti saqsa fuq id-dgħajsa li kellha titneħħa minn fejn Manoel Island. Is-Segretarju semma li huwa se jkellem lill-PA fuqha.

2.2 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq il-kuntratt ta' Leli li jiġbor l-iskart. Is-Segretarju semma li kien hemm Marion li kellha tidħol l-Isptar u dan il-kuntratt kien għandha. Is-Sindku semma li issa dan jintbgħat b' email u jkun iċċirkolat fuq l-email.

## 3.0 KORRISPONDENZA

### Permess tal-Lido tax-Xatt

3.1 Is-Sindku semma li huwa kien attenda seduta tal-Bord tal-MEPA fejn kien hemm diskuss il-proġett tal-Lido. Huwa semma li waqt il-laqgħa tal-Bord kien poġġa ċertu mistoqsijiet biex naraw il-lokalita tal-Gżira xi drittijiet se jkollha.

### Mobile Toilets

3.2 Is-Sindku semma li kif kien ġara fi snin preċedenti nikru mobile toilets matul iż-żmien tas-Sajf u biex dawn jitqiegħdu fejn ix-Xatt.

3.3 Il-Viċi Sindku saqsa fejn se nagħmlu l-lattrini peress li kien hemm kwistjoni ma tat-Topsy billi kien hemm minn kien qed jitlob biex juża t-toilet tagħha.

**Uffiċċju Amministrattiv**

3.4 Is-Sindku semma li huwa kien tkellem mal-persuna li kien interessat jixtri l-parti fejn hemm l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali u offrielu l-offerta li kienet issemmiet fil-laqgħa preċedenti. Huwa qal li dan kien ipprova inżel għall ammont ta € 300,000 fuq il-propjeta. Huwa qal li bħala prezz miftiehem fost il-Kunsill Lokali kien hemm is-somma ta € 310,000. Is-Sindku semma li jrid ikun hemm aktar diskussjonijiet miegħu fejn dan anki jħalli l-Kunsill jkompli joppera minn fejn jinstab bħalissa sakemm ikun f' pożizzjoni li jista jidħol fil-post il-ġdid.

**Sistema CCTV għall Gżira**

3.5 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera preżenti jekk huma jaqblux li jkun hemm sistema ta CCTV cameras madwar il-Gżira kollha iffinanzjatta mill-fondi tal-UIF. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

**Segretarju Eżekuttiv**

3.6 Il-Kunsillier Hewitt saqsa kif konna bqajna fuq l-item tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju qal li huwa kien jonqsu xi karti li ġew iffirmati dakinhar stess u kien se jeħodhom huwa stess id-Dipartiment biex ma jkunx hemm aktar dewmien.

**Infurzar**

3.7 Il-Kunsillier Chetcuti semma li minn jagħmel permess għall skip inġiegħluh iwaħħal il-permess mal-iskip stess biex dan ikun jidher.

3.8 Il-Kunsillier Chetcuti semma li rridu nagħmlu U-Bars fejn hemm il-Housing Estate billi kien hemm residenti li ilmentat li kien hemm vetturi kienu qed jitilgħu fuq il-bankina u jipparkjaw hemm.

3.9 Il-Kunsillier Galea semma li trid terġa issir żebgħa tal-junction box li kien hemm fejn il-Kunsill Lokali billi din kienet tħassret. Is-Sindku qal li l-aħjar jekk din issir tat-thermoplastic paint. Il-Kunsillier Galea semma wkoll li nistgħu nagħmlu tabelli li jixgħelu u jteptpu fejn hemm iz-zebra cross biex dawn jkunu jidhru aħjar.

**Proġett tal-Bandli**

3.10 Is-Sindku semma li fejn kien se jsir il-Bandli warajh ikun hemm biċċa bit-turf apposta għall dawk it-tfal żgħar. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

3.11 Il-Kunsillier Galea saqsa meta kienu se jsiru s-siġar li kienu ipproponew l-Enemalta quddiem is-substation li kienu qed jibnu. Is-Sindku semma li huwa kien se jkellimhom.

### Xogħolijiet

3.12 Is-Sindku semma li kienet daħlet talba għall tower crane fi Triq ir-Rebħa bejn Reid u Stuart u kien se jkun hemm tlieta fuq medda ta 20 metru. Il-Kunsillier Galea qal sabiex nitolbuh ukoll site plan ta fejn dawn se jkunu.

### Tindif u Knies

3.13 Il-Kunsillier Galea semma li din tat-tindif se tkun diffiċli. Is-Sindku semma li diġa mar huwa stess u kellem xi residenti li ħarġu l-boroż tagħhom barra l-ġurnata u l-ħin imsemmi. Huwa semma li lil-dawk li kien wissa ma reġgħux abbużaw u li kien hemm kambjament għax naqas l-abbuż.

3.14 Is-Sindku semma li l-aħjar jibdew jitqassmu l-multi. Huwa qal li diġa kien iċċekkja mar-Reġjun u qalulu kemm huma l-multi. Huwa qal li bħala multa din tintbagħat lis-sidien tal-Blokka u dawn ikollhom diġa depożitu imħallas minn min ikun qed jikri l-appartament u b' hekk jitnaqqas minnu.

3.15 Il-Kunsilliera Schembri semmiet li nistgħu nkellmu lis-sidien sabiex dawn iqassmu boroż innumeratti lill-dawk li jkunu qed jikru mingħandhom bin-numru tal-appartament sabiex għalina tkun aktar faċli nidentifikawhom.

3.16 Il-Kunsillier Hewitt semma biex issir Bye Law bil-ħinijiet li fihom suppost jinħareġ l-iskart u anki nistabbilixxu l-multi assoċjati ma minn jikser dawn ir-regolamenti. Huwa qal ukoll li rridu ninfurmaw lis-sidien tal-flats minn qabel bl-intenzjoni tagħna.

3.17 Il-Kunsilliera Galea u Cardona saqsew kif konna bqajna bil-kenniesa l-ġodda. Is-Sindku qal li huwa kien diġa beda s-sistema l-ġdida tal-knies u dawn se jkunu qed jimxu mar-rotot li kien ħejja huwa stess.

3.18 Il-Kunsillier Cardona saqsa jekk jistax ikollna indikazzjoni fuq ir-rotot li qed jużaw. Is-Sindku qal li l-aħjar nagħtu ftit ċans sakemm jibdew is-sistema tajjeb u nagħmlu upload anki għall benefiċċju tar-residenti.

### Traffic Management

3.19 Is-Sindku ressaq żewġ pjanti tat-traffic management lejn in-naħa ta Ta Xbiex li kien propost għat Transport Malta imma sar minn naħa tal-Kunsill. Huwa qal li Transport Malta kienu se jaqilgħu żewġ siġriet taż-Żnuber kbar li kien hemm lejn in-naħa tal-Gżira u kien waqqafhom u dan il-pjan li kien qed jippreżenta kien jindirizza li jitnaqqsu siġar iżgħar minn naħa ta' Ta' Xbiex.

Is-Sindku semma li lejn in-naħa ta' Ta Xbiex ikun hemm two lanes. Il-Kunsilliera qablu mat-traffic management plan li kien qed jipproponi s-Sindku.

## 4.0 PREPARAZZJONI GĦALL FESTA

4.1 Is-Sindku semma li bħala parti mill-preparazzjoni għall festa se nagħmlu drinks għall bandisti.

## 5.0 KONFERENZA STAMPA

5.1 Is-Sindku semma li huwa kien tkellem mal-avukat fuq Manoel Island minħabba l-foreshore peress li kien iċċekkja l-kuntratt li dan kien pubbliku li 5 metri l-ġewwa mill-baħar ma jistax ikun privat. L-avukat kien qallu biex isir protest ġudizzjarju u anki jkun hemm konferenza stampa.

5.2 Il-Kunsillier Galea issuġġerrixxa sabiex inkellmu lil Astrid Vella fuq il-każ sabiex naraw tridx tieħu sehem f' din l-azzjoni peress li l-ġurnata ta' qabel kienet issemmiet fuq Manoel Island.

5.3 Il-Kunsillier Hewitt semma li nistgħu nagħmlu rikjesta formali lill-Lands sabiex jinvestigaw il-kuntratt li kien sar u naraw jekk hux possibli li l-Kunsill jingħata lura l-Fortizza wara li din tkun restawrata.

5.4 Il-Kunsillier Cardona semma nistgħux nirranġaw fejn hemm il-papri fuq Manoel Island u jsir tindif billi hemm diversi animali jgħixu hemm.

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsillier Galea saqsa fuq il-kontijiet tal-leasing tal-photocopier peress li dawn kienu għoljin. Il-Kunsillier Hewitt qal li l-Kunsill kien qed iħallas ħafna għall dan is-servizz. Is-Sindku semma li l-aħjar tinħareġ kwotazzjoni fuq dan is-servizz u naraw x' rati hemm kurrenti.

6.2 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq l-ammont dovut lis-Sur. Charles Spagnol x' kien jinvolvi. Is-Sindku semma li fost ix-xogħol li kien għamel dan anki kien qala l-playing equipment u ħadu biex jaħdem fuqu.

6.3 Il-Kunsillier Galea qal biex tibda tinżamm job sheet tax-xogħol li jkun għamel u l-Kunsillier Hewitt issuġġerrixxa biex is-Sur. Lawrence Mallia anki jagħmel spot checks fuqu.

6.4 Il-Kunsillier Hewitt saqsa jekk nistgħux naraw x' inhuma l-pagi u kemm hemm fuq kull persuna impjegata mal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju qal li kien hemm direttiva minħabba data protection minn naħa tad-Dipartiment biex ċerta informazzjoni ma toħroġx. Huwa qal li kien qed jistaqsi biex jara kemm kien qed jieħu s-Sur. Fabian Borg meta kien suġġerritt il-progression tiegħu. Is-

Segretarju semma li din it-talba li kienet saret fuq il-progression ma kinitx approvatta.

6.5 Il-Kunsillier Cardona saqsa jekk il-Kunsill jistax jibda jkollu forma ta' rendikont x' qed ikollna bħala dħul fix-xahar.

**7.0 AĠĠORNAMENT**

Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m.

Konfermati llum ______________________ 2016

____________________
Conrad Borg Manché
Sindku

____________________
Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv